MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 319/2010

**Marie Louise Perici Calascione (K.I. 747556M)**
**vs**
**Joseph Perici Calascione**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna tal-konvenut ghas-somma ta' hames mitt ewro (€500) rapprezentanti spejjez edukattivi li nefqet l-attrici ghal-minuri tal-partijiet Candice Perici Calascione.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn issolleva li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dan stante illi fl-ewwel lok, l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante li kontrarjament ghal dak miftiehem la tressqet talba formali ghall-hlas u wisq anqas gew ipprezentati ricevuti sabiex jiggustifika tali

hlas u fit-tieni lok u minghjar pregudizzju ghall-premess, l-attrici trid iggib prova ta' l-ispejjez minnha reklamati. Fit-tielet lok, l-attrici trid tipprova li dawn l-ispejjez kienu ragonevoli u necessarji,

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

It-Tribunal ra n-nota pprezentata mill-konvenut dwar il-prospett ezebit mill-attrici dwar l-ispejjez inkorsi minnha.

Sema' x-xhieda tal-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza tittratta dwar talba ghal rifuzjoni ta' spejjez edukattivi inkorsi mill-attrici ghal bint il-partijiet, Candice. Illi l-partijiet illum jinsabu legalment separati skont kuntratt ta' separazzjoni datat 10 ta' Lulju, 2003, fejn, fost kundizzjonijiet varji, l-partijiet ftehmu li l-kura u kustodja tat-tfal tibqa' kongunta bejn il-partijiet, li l-konvenut obbliga ruhu li jhallas €153.74 (gja LM66) fix-xahar ghall-kull minuri sakemm jaghlaq tmintax-il (18) sena jew minn meta jibda jahdem. Illi dwar l-ispejjez edukattivi ftehmu li dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet soggett li kull infieq f'dan ir-rigward jigi miftiehem minn qabel u soggett ghal ricevuti accettabbli ghal tali nfieq. L-ispejjez ta' kura medika huma a karigu tal-mara, izda f'kaz ta' spejjez kbar minhabba xi mard serju, dawn l-ispejjez ghandhom jinqassmu bejn il-mara u r-ragel.

Illi t-talba odjerna hija ghal hlas ta' €500 bhala nofs l-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-ispejjez edukattivi tal-minuri Candice. Illi skont l-attrici hija ghamlet diversi tentattivi sabiex tikkomunika mal-konvenut kemm sabiex jiftehmu dwar l-attivitajiet u kemm sabiex tithallas ghall-ispejjez inkorsi. Illi skont prospett ezebit mill-attrici l-ispejjez inkorsi mill-attrici jilhqu oltre d-doppju tas-somma mitluba. Illi t-Tribunal jirrilleva li l-ispejjez inkluzi fil-

prospett m'humiex kollha imsahha b'ricevuti jew fatturi, izda dawn huma ammonti zghar. It-Tribunal ra diversi ricevuti taht hames ewro (€5) kif ukoll ricevuti u fatturi 'l fuq minn mitt ewro (€100). Illi l-ispejjez kbar jikkonsistu fit-trasport ta' l-iskola fl-ammont ta' hames mija u ghoxrin ewro (€ 520), mizata ghal lezzjonijiet tal-*ballet* fis-somma ta' mija u tnax-il ewro (€112), kotba varji ghas-sena skolastika fis-somma ta' circa mitejn ewro (€200) u l-bqija huma spejjez relatati ghall-attivitajiet skolastici/edukattivi varji kif ukoll ghall-ispejjez ancillarji bhalma huma fotokopji, *stationery*, u hargiet skolastici, u mizati ghall-ezamijiet. Illi mill-prospett indikat mill-attrici lit-Tribunal jirrizultalu li dawn l-ispejjez huma kollha relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. It-Tribunal jirrileva li huwa minnu li l-ircevuti ezebiti ma jammontawx globalment 'l fuq minn seba' mitt ewro (€700) izda l-ispejjez l-ohra jirrizultaw mill-prospett ghalkemm mhux imsahha b'ircevuti kif ghandha l-obbligu li taghmel jekk tkun trid tithallas lura mill-konvenut.

Illi mill-provi tal-attrici jirrizulta li hija ppruvat kemm-il darba tikkuntattja lill-konvenut sabiex tgharrfu bl-ispejjez izda huwa ma kienx iwiegeb ghat-telefonati u lanqas meta kienet titolbu Candice, sabiex ihallas lil mama' taghha. It-Tribunal huwa wkoll sodisfatt illi l-attrici ma kienetx ghamlet tentattiv permezz ta' ittra interpellatorja sabiex il-konvenut ihallas sehmu u minflok qabdet u fethet kawza.

Illi wara li t-Tribunal sema' lill-konvenut jixhed huwa tal-fehma li l-ilment ewlieni tieghu huwa, mhux li ma jridx jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni t' uliedu, izda li l-attrici ghandha tottempora ruhha mal-kuntratt ta' separazzjoni u tikkonsulta mieghu qabel ma jittiehdu certi decizjonijiet u jsiru certi spejjez. Illi huwa minnu ukoll illi l-kaz odjern jirrellata ghal rimbors ta' spjejjez inkorsi fil-konfront tal-minuri Candice biss, u mhux ukoll ghal binhom Zachary. Illi l-ilment ewlieni f'din il-kawza huwa li l-attrici qatt ma kkonsultat mal-konvenut u skont il-kuntratt ta' separazzjoni qabel ma hija hadet id-decizjoni sabiex tirrikorri ghal certi spejjez u li huwa qatt ma nghata qabel din il-kawza, rendikont tal-ircevuti prezentati f'din il-kawza.

Quddiemu t-Tribunal ghandu talba ghal hlas ta' somma flus li allegatament intefqu tul medda ta' kwazi sentejn fuq Candice, bint minuri tal-partijiet, fl-interess edukattiv taghha. Illi jirrizulta lit-Tribunal li l-partijiet ghalkemm ilhom separati 'l fuq minn seba' snin, ir-relazzjoni ta' bejniethom ftit li xejn hija tajba tant illi kellhom jirrikorru lejn dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi dwar spejjez li jikkoncernaw lil uliedhom. Illi zgur, li kieku l-partijiet sabu l-hin u l-pacenzja li jisimghu lil xulxin zgur illi din il-kawza setghet tkun evitata.

Illi mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni huwa car illi l-partijiet ghandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar spejjez edukattivi u dawn ghandhom jitnaqqsu bin-nofs wara li jipprezentaw d-debita rcevuta tal-hlas. Illi fil-kaz in ezami ma jirrizultax li gara hekk. Irrizulta minflok illi l-attrici qabdet u fethet kawza sabiex tithallas dak li huwa allegatament dovut mill-konvenut minghajr qatt ma kien interpellat sabiex jhallas dawn l-ammonti. Illi mill-provi jirrizulta li dawn l-ispejjez m'humiex kollha rapprezentati b'ircevuti u ghaldaqstant strettament il-konvenut m'ghandhux ihallas ghall-ispejjez minghajr ircevuta.

Illi jirrizulta minnu li certi hlasijiet saru minghajr il-konvenut ma gie ikkonsultat, u huwa minnu wkoll li l-konvenut qatt ma gie muri kopji tal-ircevuti. Izda t-Tribunal jemmen lill-attrici meta tghid illi l-konvenut ma wriex interess li jikkomunika maghha u sahansitra qatt ma kien jirrispondi t-telefonati li kienet taghmillu, dejjem bl-iskop li jiftehmu dwar spejjez.

It-Tribunal fehem li s-separazzjoni tal-partijiet ma kienetx amikevoli. Ra ukoll illi l-partijiet huma persuni li ghandhom interess fil-gejjieni ta' uliedhom. Izda t-tajjeb kollu li l-genituri qieghdin jaghmlu ghall-uliedhom jista' jintilef jekk kemm-il darba l-atteggament mhux civili jibqa' ghaddej bejn il-partijiet.

It-Tribunal jemmen lill-attrici meta qalet illi kienet ghamlet tentattivi varji sabiex tikkomunika ma' zewgha, izda inutilment. Izda quddiemu ghandu ukoll kuntratt ta' separazzjoni b'certu kundizzjonijiet imfassla u miftiehma

bejn il-partijiet. Illi jekk l-attrici taf illi huwa difficli li l-konvenut ha jhallasha minghajr ircevuta minkejja li tkun nefqet taht €5 ghal *stationery,* per ezempju, allura hija ghandha zzomm u tikkustodixxi kull ircevuta. Min-naha l-ohra l-konvenut ghandu ikun iktar prattiku u flessibli dwar certi rcevuti ta' certu ammont.

It-Tribunal jifhem illi l-attrici ma kellhiex taqbad u tibghat lil bintha ghall-attivitajiet extra-kurrikulari li jinvolvu certu spejjez oltre dak abitwat ihallas l-konvenut minghajr ma jigi kkonsultat il-konvenut. Izda jifhem ukoll il-posizzjoni tal-attrici meta jkun wasal iz-zmien ta' certu attivitajiet u xi hadd ghandu jiehu certu decizjonijiet fin-nuqqas ta' l-accessibilita' tal-genitur l-iehor. Illi jifhem ukoll illi l-attrici thossha bi tqila tirreferi kollox lill-konvenut meta dawn ma jghixuh taht saqaf wiehed. Jifhem ukoll illi certi attivitajiet bhal hrug ta' l-iskola jitfaccaw mill-lum ghall-ghada u difficili tista' tghid le lil bintha ghaliex ghandha bzonn il-kunsens tal-missier u dan ta' l-ahhar ikun irid jara wkoll d-debiti rcevuti sabiex jaccerta ruhu. Illi t-Tribunal jaf illi l-ebda skola ma taghti rcevuti ta' *school outings* u spejjez varji inkorsi matul it-term ta' l-iskola.

Illi f'dawn is-sitwazzjonijiet il-konjugi, llum separati, ghandhom juru iktar maturita' u ma jhallux illi uliedhom jitqieghdu f'sitwazzjoni skomda w imbarazzanti. Bizzejjed illi t-tfal ikunu ghaddew minn trawma ta' separazzjoni tal-genituri taghhom, bil-konsegwenza li t-trawma tkompli tizdied u l-ferita tal-ulied tkompli tikber meta genitur sahansitra ma jaqbilx li ghandu jikkontribwixxu hames ewro (€5) ghal *stationary*. Illi hija cara u lampanti lit-Tribunal, illi l-pika hija BISS bejn il-partijiet. Izda sfortunatament, il-pika ta' bejniethom qieghda twegga' BISS lill-istess uliedhom u l-but tal-genituri.

Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa sodisfatt li l-ispejjez kollha mitluba mill-attrici huma ragonevoli u fl-interess ta' Candice, bint il-partijiet, izda jifhem illi l-ispejjez kollha ma sarux skont il-ftehim ta' separazzjoni.

Illi fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta car u bla ebda ekwivoku li bejn il-partijiet hemm animosita' qawwija li timpedilhom li

jikkomunikaw civilment bejniethom. Il-partijiet stess ma jistghux jinnegaw illi minhabba l-ezistenza biss ta' uliedhom, hemm relazzjoni li ha tibqa' tezisti tul hajjithom u dan il-fatt ghandu jigi accettat minnhom.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm il-konvenut qal illi l-ispejjez tat-trasport ma jifformawx parti mill-ispejjez edukattivi, meta t-Tribunal staqsih jekk huwa kienx lest jiehu lil bintu l-iskola wiegeb 'le'. Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-trasport lejn u lura mill-iskola hija attivita' relatata fl-interess edukattiv tat-tfal, li xi hadd mill-genituri ghandu jiehu hsieb jekk kemm-il darba din it-tifla ma' tistghax tmur bil-mixi u fin-nuqqas l-uniku soluzzjoni huwa t-trasport privat. Illi, ghaldaqstant, ghalkemm il-konvenut ma jhossx illi din l-attivita' ma tifformax parti minn spejjez strettament edukattivi, t-Tribunal qieghed jakkolji din il-parti tat-talba. Illi fil-fehma tat-Tribunal, id-dixxiplina tal-*ballet* jew *hip hop* jifformaw parti minn attivitajiet extra-kurrikulari relatati mat-taghlim, izda l-attrici wara li rat li l-konvenut ma kienx ha jhallas sehmu ma baqghetx tibghatha izda dawk l-ispejjez ghandhom jitqiesu bhala spejjez fl-interess edukattiv ta' Candice. Illi ghalkemm dawn l-attivitajiet ma gewx ikkonsultati mal-konvenut minhabba n-nuqqas ta' kommunikazzjoni da parti tieghu ha jakkolji ukoll din il-parti tat-talba.

Il-konvenut qal illi huwa qatt ma kien ra l-*invoices* u l-ircevuti qabel din il-kawza u t-Tribunal jifhem l-ilment tal-konvenut. Illi dwar l-ilment tal-konvenut illi huwa m'ghandux ihallas ghal dak li huwa ma giex ikkonsultat ghalih u lanqas ma gie muri rcevuta, filwaqt li jifhem l-ilment tieghu jifhem ukoll illi l-konvenut qatt ma kien ghamilha facli ghall-attrici sabiex jiltaqghu u jiftiehmu dwar l-ispejjez li kellhom isiru ghall-edukazzjoni tat-tfal.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-ispejjez mitluba mill-attrici huma spejjez ragjonevoli li zgur il-konvenut kien ikun dispost ihallas ghalihom kieku l-partijiet kellhom relazzjoni civili u serena. Illi t-Tribunal jifhem illi l-attrici ma setghetx ikollha rcevuti ghal certi spejjez bhal dawk mhallsa ghall-iskejjel minn zmien ghal zmien, u dawn l-ispejjez ma jistghux jigu negati lill-attrici. Izda minhabba r-relazzjoni qarsa li tezisti

bejn il-partijiet jippreferu jwarrbu flus minn halq uliedhom sabiex ihallsu spejjez gudizzjarji.

Illi t-Tribunal ra li kien hemm xi rcevuta fis-somma ta’ tnejn u hamsin ewro (€52) relatata ma’ binhom Zachary, li m’huwiex parti mit-talba. Illi ghalkemm intqal mill-konvenut illi kien hemm ircevuti ohra li jikoncernaw lil Zachary dan ma giex ippruvat mill-konvenut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi d-dokumenti konsistenti f’ricevuti jew fatturi kollha ezebiti mill-attrici in sostenn tat-talba taghha huma relatati mal-edukazzjoni, jew huma spejjez maghmulin fl-interess edukattiv tat-tifla Candice izda ma jammontawx ‘l fuq minn seba’ mitt ewro (€700). Izda, t-Tribunal ha jzied is-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) ghall-ispejjez inkorsi tul sentejn maghmula minghajr id-debita ricevuta peress illi dawn mhux facilment setghu ikunu nghataw lill-attrici. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi l-kontijiet tat-trasport privat huma gustifikati u kunsidrati bhala relatati mal-edukazzjoni. Illi meta t-Tribunal staqsa lill-konvenut jekk kienx dispost jehodha huwa stess, l-istess konvenut informa lit-Tribunal, li ‘le’ u ghalhekk l-ghazla konvenjenti ghall-attrici, li hija persuna li tahdem, kien it-transport privat, li l-attrici hija lesta thallas nofs b’nofs.

It-Tribunal huwa konvint illi l-attivitajiet *extra*-kurrikulari, dment li jikkonsistu f’taghlim ta’ dixxiplina bhalma huwa l-sport, *ballet* / danza, muzika ghandu jibqa’ dejjem taghlim edukattiv, li huma ta’ gid ghat-tfal u ghandhom ikunu inkorraggiti jekk il-qaghda ekonomika tal-genituri tippermetti.

Lit-Tribunal fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidhirlu li t-talbiet ghal-ispejjez tul kwazi sentejn huma talbiet ragonevoli u xejn eccessivi.  Illi ghalkemm skont il-kuntratt ta’ separazzjoni l-konvenut kellu jinghata rendikont tal-hlasijiet maghmula, kif ukoll jigi kkonsultat qabel ma jsiru l-ispejjez, it-Tribunal, wara li sema l-fatti huwa tal-fehma li huwa ma giex ikkonsultat minhabba n-nuqqas ta’ accessibilita’ tieghu.

It-Tribunal huwa konvint illi din il-kawza setghet facilment tkun evitata. Illi t-talbiet attrici huma fundamentalment talbiet rejali maghmul fl-interess primarjament ta' bint il-partijiet. Illi t-Tribunal m'ghandux jahli l-hin tieghu billi joqghod jifli n-numri ta' ricevuti f'ammonti zghar ghaliex il-partijiet m'humiex civili bizzejjed bejniethom sabiex jaslu ghal konkluzzjoni fl-interess t' uliedhom.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal ha jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attrici qatt ma nterpellat lill-konvenut sabiex jersaq ghal hlas u ha jiehu ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi ma gewx ezebiti l-ircevuti kollha tal-hlasijiet maghmulha. Illi jekk kemm-il darba l-partijiet ma jistghux jiftehmu anke fuq ammonti zghar, l-attrici ghandha zzomm l-ircevuti kollha. Il-konvenut min-naha tieghu ghandu jifhem illi jkun hemm certi spejjez maghmula minghajr id-debita rcevuta bhal ma huma hrug ta' l-iskola u attivitajiet simili.

Illi t-Tribunal ma jistax jakkolji l-eccezzjoni tal-intempestivita' minhabba n-nuqqas t'acessibilita' tal-konvenut li qatt ma wera ruhu disponibbli sabiex jiftiehem ma' martu dwar l-ispejjez t' uliedhom.

Illi wara li ra u ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' din il-kawza, ra li l-infieq skont rcevuti jew fatturi ma jammontawx ghal aktar minn seba' mitt ewro ( €700) izda flimkien mall-ammont tar-ricevuti/fatturi, t-Tribunal ha jzied mija u hamsin ewro (€150) ghall-infieq minghajr ricevuta u ghal-liema nfieq it-Tribunal huwa sodisfatt bil-prospett ezebit. Ghalhekk, b'kollox l-attrici ghandha tigi rimborsata nofs is-somma komplesiva ta' tmien mija u hamsin ewro (€850), li jinkludu l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni, maghmula minghajr ircevuta u wara li jitnaqqas ukoll is-somma ta' tnejn u hamsin ewro (€52) bhala spejjez maghmula fil-konfront ta' Zachary, li m'huwiex parti mill-kawza u ghalhekk, it-Tribuanl ha jirriduci s-somma komplessiva ghal seba' mija, tmienja u disghin ewro (€798) u ghalhekk it-talba ghandha tigi ridotta ghal tliet mija, disgha u disghin ewro (€399) u dan wara li ha ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attrici qatt m'interpellat lill-konvenut sabiex ihallas.

Ghalhekk, wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu t-Tribunal, b'sens ta' gustizzja u ekwita' jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici limitatament fis-somma ta' tliet mija disgha u disghin ewro (€399) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

It-Tribunal fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, bit-tama illi l-partijiet jifhmu illi r-relazzjoni ta' bejniethom ha tibqa' tul hajjithom kollha u li t-tilwimiet taghhom m'ghandhomx jinvolvu lil uliedhom li wara kollox m'ghandhom l-ebda htija, qed jiddeciedi li mhux ser jimponi spejjez doppji fuq il-partijiet kif wara kollox ittih pjenament is-setgha l-ligi talli l-partijiet qaghdu jahlu l-hin ta' dan it-Tribunal. Minflok it-Tribunal qieghed jordna illi l-ispejjez f'din it-talba ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------